Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1496

19.9.2025

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1496

tat-12 ta' Ġunju 2025

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 461a(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) emenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013, fost l-oħrajn biex jintroduċi bħala rekwiżit ta' rapportar f'dak ir-Regolament, l-istandards tar-Rieżami Fundamentali tal-Portafoll tan-Negozjar (FRTB, Fundamental Review of the Trading Book), li huwa sett komprensiv ta' rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi għar-riskju tas-suq elaborat mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS, Basel Committee on Banking Supervision). Ir-Regolament (UE) 2024/1623 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) emenda għal darb'oħra r-Regolament (UE) Nru 575/2013, fost l-oħrajn biex jittrasforma l-istandards FRTB f'rekwiżiti vinkolanti għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq.

(2) Minħabba n-natura kompetittiva ħafna tal-attivitajiet tan-negozjar fuq livell internazzjonali, l-istandards FRTB ġew adottati bil-premessa li l-implimentazzjoni tagħhom fil-ġuriżdizzjonijiet kollha, kemm f'termini ta' sustanza kif ukoll f'termini ta' tempistika, tiżgura kundizzjonijiet ekwi internazzjonali għall-attivitajiet ta' negozjar tal-istituzzjonijiet. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istandards FRTB f'ġuriżdizzjonijiet membri oħra tal-BCBS, u b'mod aktar speċifiku f'dawk il-ġuriżdizzjonijiet b'diversi banek attivi internazzjonalment, wera li, f'dawn l-aħħar sentejn, minħabba dewmien fl-implimentazzjoni tal-istandards FRTB f'dawk il-ġuriżdizzjonijiet, hemm riskju sinifikanti ta' distorsjonijiet fil-kundizzjonijiet ekwi internazzjonali. Biex tindirizza dak ir-riskju u biex tiġbor aktar informazzjoni dwar ir-regoli effettivi u t-tempistika tal-implimentazzjoni ta' ġuriżdizzjonijiet oħra, f'Lulju 2024, il-Kummissjoni użat is-setgħa li jagħtiha l-Artikolu 461a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 biex tadotta r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2795 ([4]) sabiex tiddifferixxi l-applikazzjoni tal-istandards FRTB għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq fl-Unjoni b'sena, sal-1 ta' Jannar 2026.

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta' investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/876/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2024/1623 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti għar-riskju ta' kreditu, għar-riskju ta' aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu, għar-riskju operazzjonali, għar-riskju tas-suq u għall-minimu tal-output (ĠU L, 2024/1623, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1623/oj).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2795 tal-24 ta' Lulju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-data ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq (ĠU L, 2024/2795, 31.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/2795/oj).

(3) F'dawn l-aħħar xhur, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istandards FRTB wera li filwaqt li għadd żgħir ta' ġuriżdizzjonijiet tabilħaqq għamlu progress fl-implimentazzjoni tagħhom, l-inċertezza dwar it-tempistika tal-implimentazzjoni fil-ġuriżdizzjonijiet b'għadd kbir ta' banek attivi internazzjonalment għadha għolja ħafna u huwa mistenni jew ġie kkonfermat aktar dewmien. Għalhekk, hemm il-ħtieġa li l-applikazzjoni tal-istandards FRTB għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq fl-Unjoni tiġi differita b'sena oħra.

(4) L-applikazzjoni differita tal-istandards FRTB għandha bħala konsegwenza li sal-1 ta' Jannar 2027, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ikunu meħtieġa jkomplu japplikaw il-qafas tar-riskju tas-suq stipulat fil-verżjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2024 (jiġifieri jum qabel ma daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2024/1623 li emenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013), filwaqt li jiffinalizzaw l-implimentazzjoni tal-approċċi tal-FRTB. Sabiex jitqiesu l-kumplessitajiet u l-kostijiet operazzjonali li xi istituzzjonijiet jiffaċċjaw biex iżommu l-mudelli interni attwali għal sena oħra, fil-kuntest internazzjonali inċert tal-implimentazzjoni tal-FRTB, u minħabba n-natura temporanja u b'data qasira tad-differiment, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jużaw, fil-valutazzjoni li tkun għaddejja minnhom tal-mudelli interni matul dak il-perjodu ta' sena, il-flessibbiltà meħtieġa biex jevitaw impatti fuq ir-rekwiżiti ta' fondi proprji li mhumiex marbuta ma' żidiet fir-riskju sottostanti tas-suq.

(5) L-awtoritajiet kompetenti jeħtieġu informazzjoni biex jimmonitorjaw l-impatt tal-FRTB, jidentifikaw kwistjonijiet potenzjali, u jiffaċilitaw l-iskambji relatati mal-implimentazzjoni bejnhom u l-istituzzjonijiet. Għalhekk, f'konformità mar-rekwiżiti eżistenti u mal-istennijiet regolatorji u superviżorji li ġew ikkomunikati b'segwitu għall-adozzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2024/2795, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ikunu meħtieġa jibqgħu jirrapportaw l-informazzjoni relatata mal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju tas-suq skont l-approċċi li jippreċedu l-FRTB sad-data tal-applikazzjoni tal-FRTB għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq fl-Unjoni. Fl-istess waqt, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jibqgħu jirrapportaw ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom f'konformità mal-Artikolu 430b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fil-verżjoni fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2024.

(6) Ir-Regolament (UE) 2024/1623 jintroduċi fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 rekwiżiti speċifiċi ta' divulgazzjoni għar-riskju tas-suq, imfassla għar-rekwiżiti stipulati fl-FRTB għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq. Madanakollu, id-data tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fir-Regolament (UE) 2024/1623 dwar il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq trid tiġi differita b'sena oħra. Għal raġunijiet ta' konsistenza, ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni speċifiċi relatati jenħtieġ li jiġu differiti b'sena oħra wkoll. Minħabba l-importanza tad-divulgazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji fiż-żamma ta' dixxiplina robusta tas-suq u fl-informazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' investiment tal-parteċipanti fis-suq, jenħtieġ minflok, li l-istituzzjonijiet ikunu meħtieġa, matul dak il-perjodu ta' differiment, li jkomplu jiddivulgaw l-informazzjoni rilevanti għall-iskopertura tagħhom għar-riskju tas-suq u r-rekwiżiti ta' fondi proprji relatati abbażi tal-approċċi li jippreċedu l-FRTB għall-kalkolu.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiġi emendat skont dan.

(8) Ir-Regolament Delegat (UE) 2024/2795 japplika sal-1 ta' Jannar 2026. Huwa għalhekk meħtieġ li d-data tad-dħul fis-seħħ u d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġu allinjati ma' dik id-data biex jiġu evitati rekwiżiti konfliġġenti għall-istituzzjonijiet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

Fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-Artikolu 520a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 520a*

Applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq

Sal-1 ta' Jannar 2027, l-istituzzjonijiet għandhom ikomplu japplikaw il-Parti Tlieta, it-Titolu IV, u r-rekwiżiti tar-riskju tas-suq tal-Artikoli 430, 430b, 445 u 455 ta' dan ir-Regolament fil-verżjoni fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2024.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN